MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 13/2006

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija, tnejn u disghin (1992), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhala Dok. A;

Premess illi z-zwieg tal-kontendenti huwa null billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija

psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Premess illi z-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat peress illi nkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li setghet mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-artikolu 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandiex din il-Qorti:

Tiddikjara illi z-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija, tnejn u disghin (1992), huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-artikolu 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li huwa kien ghamel dak kollu li seta' biex isalva z-zwieg, u qed jopponi ghat-talba attrici;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta’ Ottubru 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] Kap.255, dak taghha huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-istess artikolu.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jichad l-ezistenza tal-capita nullitatis attribwiti lilu mill-attrici.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u tghatiha affidament; filwaqt li l-konvenut, li jghix barra minn Malta, baqa’ ma prezentax ruhu biex jiddeponi. Di fatti fl-udjenza tat-23 ta’ Mejju 2007 id-difensur tal-konvenut iddikjarat li “l-konvenut informaha li hu mhux ser jigi Malta, u mhux ser jipprezenta l-affidavits tieghu.”[1]

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fit-23 ta’ Ottubru 1992 meta allura l-attrici kellha 19 – il sena, u l-konvenut, cittadin Jugoslav, kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena u nofs, li sitt xhur minnhom il-konvenut ghamilhom barra minn Malta l-boghod mill-attrici allura gharusa tieghu.

Illi xahar wara z-zwieg, l-attrici harget tqila u fis-27 ta’ Lulju 1993 twieled l-ewwel tifel tal-koppja. L-attrici tispjega li mill-bidu nett taz-zwieg il-konvenut kien wriha li huwa ma kellux rispett lejha, tant li fl-istess xahar li kienet harget tqila huwa mar wahdu l-Jugoslavja, kontra r-rieda ta’ l-attrici, u ha mieghu somma ta’ flus, ta’ circa elf lira Maltin, li l-partijiet kienu qalghu rigali fit-tieg. Wara tlett gimghat, il-konvenut rega’ gie lura Malta u lill-attrici qallha li l-flus kien tahom lill-membri tal-familja tieghu peress li kellhom bzonnhom.

L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx jaghtiha sodisfazzjoni ta’ x’ kien isir mill-paga tieghu li minnha kien jghatiha biss

[1] Fol.100

Lm50 fix-xahar biex thallas il-kera ta’ l-appartament li kienu jghixu fih; mil-bqija huwa ma kienx jaghtiha flus u hi kienet tghix bil-paga li kienet iddahhal mix-xoghol li kienet taghmel biex tkampa.

L-attrici tghid ukoll li mill-bidu nett taz-zwieg, il-konvenut kien jimmaltrattaha u anke kien isawwatha anke fuq affarijiet zghar. Huwa ma kienx ihalliha tohrog, u filwaqt li hi kien ikollha tibqa’ d-dar ghax hekk kien igieghlha l-konvenut, huwa kien johrog ma hbiebu kuljum. Tghid ukoll li kien hemm okkazzjoni meta ratu jittanta nisa ohra.

Hi tikkonferma li l-komportament abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront taghha kien jirrisali mill-bidu nett taz-zwieg. Sussegwentement, hija talbet u ottjeniet is-separazzjoni personali mill-konvenut, u kienet inizjat proceduri ghall-annullament; izda l-konvenut wara hafna zeghil u promessi kkonvinca lill-attrici li huwa kien tbiddel u li kien ser jgib ruhu sew maghha. Ghaldaqstant l-attrici rrikonciljat mal-konvenut u waqqghet il-proceduri ta’ l-annullament li kienu pendenti; u wara ftit twieldet it-tieni tarbija.

Wara li l-partijiet regghu rrikonciljaw huwa kien talab lill-attrici tghinu sabiex igib il-passaport Malti, izda hi kienet irrifjutat.

Illi meta l-konvenut sar jaf li l-attrici kienet tqila bit-tieni tarbija huwa kien irrabbja u kien ippropona li hi tmur il-Jugoslavia u taghmel abort hemmhekk, u offra li jhallas hu; izda l-attrici ma accettatx; u l-konvenut rega’ beda jgib ruhu hazin bhal qabel. Sussegwentement, il-partijiet regghu sseparaw, u llum il-gurnata l-konvenut jirrisjedi barra minn Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ezami akkurat tal-provi ma jhalli ebda dubju f’ mohh din il-Qorti, li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg ma’ l-attrici, huwa internament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu, eskluda obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali. Mill-provi jirrizulta car li

huwa qatt mal kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma' l-attrici f' unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Il-komportament tieghu, mill-bidu nett taz-zwieg, kien wiehed abusiv u egoist ghall-ahhar u wera li l-konvenut ma kien jinteressah xejn mill-attrici. Anke l-fatt per se li xahar wara z-zwieg huwa mar il-Jugoslavia wahdu, kontra r-rieda espressa ta' l-attrici, fejn dam tlett gimghat mal-familjari tieghu u tahom il-flus li kienu rigali tat-tieg; dan il-fatt huwa ndikattiv tan-nuqqas ta' rispett u mhabba da parti tal-konvenut lejn martu; u jkompli jikkonferma l-konkluzjoni tal-Qorti li l-konvenut izzewweg lill-attrici ghal gwadan biss u xejn aktar. Il-komportament tieghu sussegwenti jkompli jghati konfort lil din il-konkluzjoni; u jkompli jsahhah il-prova tan-nuqqas ta' maturita' affettiva tal-konvenut.

Minn naha l-ohra, jirrizulta car li l-attrici kienet ghamlet minn kollox, u ssaportiet kemm felhet sabiex issalva z-zwieg taghhom, kemm ghax kienet thobb lill-konvenut kif ukoll minhabba t-tfal taghhom, sa anke kienet accettat ir-rikonciljazzjoni, izda l-konvenut wara ftit rega' waqa' ghall-istess stil ta' hajja u komportament abusiv fil-konfront ta' l-attrici. Fl-ahhar ta' deposizzjoni taghha tat-22 ta' Marzu 2007, l-attrici fil-kontro ezami tikkonferma "Ehe kien vjolenti wkoll, mentalment, fizikament u finanzjarjament ukoll; ma kienx jaghtini flus. Jiena dejjem kont nahdem".[2]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] Kap.255, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-

[2] Fol.99

partijiet fit-23 ta’ Ottubru 1992. L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------